28 ta' April 2007

**Diskors mill-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern waqt il-laqgħa għas-Sindki – Xlokk**

Irrid nieħu l-okkażjoni biex fil-messaġġ tiegħi nindirizza xi aspetti li nħoss li huma kruċjali fil-ħidma tagħkom bħala Sindki u Viċi Sindki.

Il-responsabbilta' tas-Sindku, u d-dmir tiegħu li jissorvelja l-operat kollu tal-Kunsill, hi waħda kruċjali ħafna. Għaldaqstant, intom irid ikollkom l-għarfien tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri li jirregolaw 'il-Kunsilli Lokali. Wieħed mill-aspetti l-aktar imporanti hu l-qasam finanzjarju. L-amministrazzjoni finanzjarja, b'mod partikolari dik pubblika, hi bbażata fuq il-prinċipji tat-trasparenza u l-kontabilita'**.** Dawn huma żewġ fatturi kruċjali li jekk imħaddma tajjeb għandhom iwasslu għall-amministrazzjoni tajba - dak li bl-Ingliż tissejjaħ "good governance". Hu f'dan il-kuntest li nixtieq nenfasizza l-importanza li kull Sindku, Viċi Sidnku u Kunsillier ikun jaf l-obbligi tiegħu skond il-liġi, u b'mod partikolari r-regolamenti u l-proċeduri finanzjarji fejn jidħol l-infiq. Ta' min ifakkar li l-fondi li huma amministrati mill-Kunsilli Lokali huma fondi pubbliċi u li hemm l-obbligu li jingħata kont ta' l-infiq kollu li jsir.

Huwa importanti ħafna li l-Kunsilli jammistraw bl-ahjar mod il-finanzi tagħhom. Mibarra s-sovvenzjoni tal-Gvern li fl-ahhar disa' snin, bl-eċċezzjoni ta' sena waħda, dejjem żdiedet, il-Kunsill għandhom ukoll dħul sostanzjali mis-sistema ta' l-infurzar lokali kif ukoll minn sorsi oħra. Dawn kollha huma fondi pubbliċi u sabiex is-sistema tal-Kunsilli Lokali f'pajjiżna tibqa' kredibbli, huwa imperttativ li dawn il-fondi jiġu użati bir-reqqa u b'mod li nieħdu l-aħjar valur tagħhom.

Ninnota b'sodisfazzjon li ġew imħejjija sensiela ta' attivitajiet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (AKL) u l-Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (ASKLM). Fost dawn hemm program sħiħ ta' taħriġ u seminars dwar l-aspetti l-aktar importanti fl-operat tal-Kunsilli Lokali, u fuq quddiemnett ġew identifikati r-regolamenti dwar finanzi. Ninsab infurmat li l-ewwel programm ta' taħriġ, li ġie mqassam fuq tlett nofs ta' nhari sabiex ikun possibbli li jattendu għalih l-akbar numru possibbli, kien wieħed sodisfaċenti kemm għar-rigward il-kontenut (fejn ġew diskussi r-regolamenti dwar l-Awditjar, il-Finanzi u l-Offerti tal-Kunsilli Lokali), kif ukoll għar-rigward l-attendenza. Innotajt b'sodisfazzjon li numru Sabih ta' Sindki, Viċi Sindki, Segretarji Eżekuttivi u impjegati tal-Kunsilli Lokali attendew dan it-taħriġ. Dan hu nkoraġġanti għaliex juri li l-isforzi li qed isiru qed ikunu milqugħa.

Irrid insemmi wkoll numru ta' attivitajiet oħra li qed iservu sabiex jikber l-għarfien u l-informazzjoni meħtieġa dwar diversi oqsma oħra li b'mod jew ieħor jaffettwaw l-operat tal-Kunsilli Lokali. Dawn jinkludu:

- Taħriġ għas-Segretarji Eżekuttivi kollha dwar l-aspetti ġenerali u dawk aktar speċifiċi tal-impatt tal-Bidla għall-Ewro (li qed jiġi mħejji bil-kollaborazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, tal-Kumitat ċentrali għall-Bidla għall-Ewro, il-*Public Sector Sectoral Comitee*, l-AKL u l-ASKLM) u ser isir dalwaqt;
- Seminar li ser isir aktar tard din is-sena, bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, l-AKL u l-ASKLM dwar *Risk Management* fis-settur tal-Gvern Lokali;
- Seminar ta' introduzzjoni dwar il-potenzjal tal-proġetti tal-Unjoni Europea li l-Kunsilli Lokali jistgħu jipparteċipaw fihom, li ser isir fuq l-inizzjattiva tal-ASKLM;
- Korsijiet fl-Ingliż bażiku għaċ-ċittadini fil-lokalitajiet tagħkom, li qed isir bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment għall-Istudji Ogħla, fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni wara taħditiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Dan juri l-impenn tal-partijiet kollha nteressati sabiex jogħla l-livell ta' servizzi mogħtija mill-Kunsilli Lokali permezz tat-taħriġ meħtieġ. Għalhekk, nappellalkom sabiex mhux biss taħtfu dawn l-opportunitajiet, kif naf li qed tagħmlu, iżda wkoll sabiex tagħmluha faċli għall-membri u l-uffiċjali tal-Kunsilli Lokali rispettivi tagħkom biex jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet.

Kif tafu, bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, entitajiet lokali, inklużi l-Kunsilli Lokali, għandhom l-opportunita' li jipparteċipaw fi programmi li jkunu rilevanti għalihom. Sal-lum diġa kien hemm diversi Kunsilli li għamlu dan, u b'hekk dan serva biex dawn jiksbu l-esperjenza meħtieġa għal meta dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod aktar attiv taħt il-*budget* li jmiss (2007-2013). Sal-lum, din il-parteċipazzjoni fissret li dawn diġa' bbenefikaw b'madwar 200,00 Ewro minn programmi taż-Żgħażagħ u b'madwar 550,000 Ewro taħt il-Fondi Strutturali. Minbarra dan, hemm ukoll proposti taħt programmi bilaterali bħalma hu l-Mekkaniżmu Finanzjarju EEA/Norveġja li jammonta għal allokazzjoni finanzjarja ta' madwar 3 miljun Ewro. Dan minbarra diversi proposti oħra li għadhom qed jiġu kkunsidrati. Fl-*Operational Programmes* li ġew imfassla mill-Gvern Malti għas-seba' snin li ġejjin, hemm allokati programmi partikolari li fihom jistgħu jissottomettu proġetti l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli Lokali ser ikunu jistgħu jipparteċipaw f'żewġ programmi tal-Unjoni Ewropea u li għal dan il-għan ser ikunu allokati Lm1.8 miljuni (4.2 miljun Ewro). Dawn jinkludu programmi taħt il-fond Reġjonali u għal Żvilupp (*European Regional Development Fund*), u dak taħt il-Programm għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali (*European Agricultural Fund for Rural Development*). Minbarra dawn, il-Kunsilli Lokali qed jibbenefikaw ukoll minn miljun lira Maltija minn fond ieħor amministrat mill-MEPA. Kif qed taraw, il-

Gvern ċentrali ikkommetta miljuni ta' liri għad-disposizzjoni tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli għandhom jagħmlu użu minn dawn il-fondi b'mod għaqli u wara li jkunu ħadu l-pariri tekniċi meħtieġa sabiex il-parteċipazzjoni tagħhom fi proġetti jkunu ta' suċċess kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll mill-aspett ta' benefiċċji għaċ-ċittadini tal-lokalitajiet rispettivi.

Hawn irrid nerġa' ntenni li l-Gvern ċentrali hu impenjat li jgħin b'kull mod possibbli sabiex il-Kunsilli Lokali minbarra li jaqdu l-funzjonijiet bażiċi tagħhom, ikunu wkoll strumentali biex titjieb il-kwalita' tal-ħajja tar-residenti tagħhom. Dan qed isir b'diversi modi, fosthom:

- l-assenjar ta' numru ta' ħaddiema ma' kull Kunsill Lokali li s-salarji tagħhom jammontaw għal madwar Lm1.24 miljuni;
- għajnuna diretta lill-Kunsilli Lokali minn diversi ministeri u dipartimenti tal-Gvern bħal tindif taż-żoni rurali, tindif tal-bajjiet, xogħlijiet infrastrutturali, xogħlijiet fuq toroq eżistenti u bini ta' toroq ġodda;
- għajnuna mid-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi għar-rigward libreriji reġjonali u friegħi;
- għajnuna diretta mill-Ministeru għal Għawdex f'xogħlijiet infrastrutturali;
- organizzazzjoni ta' seminars u programmi informattivi dwar diversi materji li jolqtu lill-Kunsilli Lokali;
- kollaborazzjoni u konsultazzjoni sħiħa mal-partijiet kollha nteressati meta titfassal politika jew leġislazzjoni li tolqot lill-Kunsilli Lokali.

Hu importanti wkoll b'sodisfazzjoni il-kollaborazzjoni bejn il-Pulizija u l-Kunsilli Lokali. Dan hu pass pożittiv ħafna, kemm minħabba li b'mod konkret qed ikun hemm għarfien mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-importanza tal-Kunsilli Lokali bħal gvernijiet lokali, kif ukoll minħabba li hu permezz tal-koperazzjoni u l-kollaborazzjoni li jistgħu jitwettqu proġetti b'risq iċ-ċittadini tal-lokalitajiet. Hu meħtieġ li din il-koperazzjoni tintwera wkoll minn etntitajiet oħra nazzjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, l-interess hu wieħed komuni, u ċioe' li jingħata servizz aħjar liċ-ċittadini. Aktar tard din is-sena se jkollna reklutaġġ ġdid sabiex insaħħu l-qawwa numerika tal-Pulizija li tgħinna nagħtu attenzjoni partikolari lil dawk il-lokalitajiet li jistgħu jiġu servuti aħjar.

Nawguralkom suċċess fil-ħidma tagħkom.